

Brussell, 12 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9232/26  
ADD 1

ENT 106  
CHIMIE 54  
MI 473  
IND 333  
COMPET 571  
ENV 507  
SAN 300

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 30 ta' April 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Suġġett: ANNESS tar-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward taċ-ċomb f'ċertu tagħmir tas-sajd

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument [...] (2026) XXX draft - D (2026) 110163/4 ANNEX

---

Mehmuż: [...] (2026) XXX draft - D (2026) 110163/4 ANNEX



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, XXX  
D110163/04  
[...] (2026) XXX draft

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward taċ-ċomb f'ċertu tagħmir tas-sajd**

## ANNEX

“ANNEX

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata 63, it-tieni kolonna, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

<p>“21. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq għal kwalunkwe tip ta’ sajd, jew jintużaw għas-sajd kummerċjali, f’konċentrazzjoni ta’ ċomb (espress bħala metall) ta’ 1 % jew aktar skont il-piż:</p> <p>(a) f’piżijiet u f’lixxiet li jiżnu 50 g jew inqas, u li mhumiex koperti mill-punt (c) ta’ dan il-paragrafu, minn <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>;</p> <p>(b) f’piżijiet u f’lixxiet li jiżnu 1 kg jew inqas, iżda iżjed minn 50g, u li mhumiex koperti mill-punt (c) ta’ dan il-paragrafu, minn <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>;</p> <p>(c) fil-wajers tas-sajd u fi-piżijiet li jinqalgħu mil-lenza, minn <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>.</p> <p>22. Minn <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>, il-bejjiegħa bl-imnut ta’ piżijiet u lixxiet tas-sajd ta’ kwalunkwe dimensjoni jew piż, li jkun fihom ċomb f’konċentrazzjonijiet ta’ 1 % jew aktar skont il-piż, għandhom juru b’mod ċar u viżibbli l-informazzjoni li ġejja, fil-punt tal-bejgħ u qrib ħafna tal-prodotti msemmija hawn fuq jew, fil-każ ta’ bejgħ mill-bogħod, fl-offerta ta’ bejgħ mill-bogħod:</p> <p><i>‘TWISSIJA: dan il-prodott fih iċ-ċomb li huwa tossiku ħafna għall-ambjent u jista’ jagħmel ħsara lill-fertilità jew lit-tarbija fil-ġuf. It-tqegħid fis-suq u l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir tas-sajd elenkat hawn taħt huma ristretti fl-UE minn:</i></p> <p>– <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>, għall-piżijiet u għal-lixxiet li jiżnu 50 g jew inqas;</p> <p>– <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i>, għall-piżijiet u għal-lixxiet li jiżnu 1 kg jew inqas, iżda iżjed minn 50g;</p> <p>– <i>[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament]</i> għall-wajers tas-sajd u għall-piżijiet li jinqalgħu mil-lenza ta’ kwalunkwe piż.</p> <p><i>Aktar informazzjoni, inkluż dwar id-disponibbiltà ta’ alternattivi mingħajr ċomb, hija disponibbli fuq [www.echa.europa.eu].”</i></p> <p>L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-punt tal-bejgħ jew, fil-każ ta’</p>
---

bejgħ mill-bogħod, bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-bejgħ mill-bogħod jiġi offrut, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jipprevedix mod ieħor fir-rigward ta' dawk il-lingwi.

23. B'deroga, il-paragrafi 21 u 22 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) lixkiet magħmula minn liġi tar-ram li fihom konċentrazzjoni ta' ċomb (espress bħala metall) ta' inqas minn 3 % skont il-piż;
- (b) piżijiet imwahnha li jiżnu 0.06 g jew inqas li jitqiegħdu fis-suq f'imballaġġ reżistenti għat-tixrid u reżistenti għat-tfal.

Id-derogi msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu rieżaminati mill-Kummissjoni, abbażi ta' rapport prodott mill-Aġenzija, wara *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*.

24. B'deroga, il-paragrafu 21, il-punti (a) u (b), ma għandhomx japplikaw għall-użu ta' piżijiet u lixkiet tas-sajd li tqiegħdu fis-suq fl-Unjoni qabel *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]* u *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data 5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*, rispettivament.

25. L-Istati Membri jistgħu jżommu dispożizzjonijiet nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent jew tas-saħħa tal-bniedem li huma aktar stretti minn dawk previsti fil-paragrafi 21–24, dment li dawk il-miżuri jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu fis-seħħ fi *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*;
- (b) jillimitaw biss l-użu iżda mhux it-tqegħid fis-suq taċ-ċomb fil-lixkiet, fil-piżijiet u fil-wajers tas-sajd.

26. L-Istati Membri għandhom jibgħatu t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fil-paragrafu 25 lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tippubblika mingħajr dewmien kull test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li tirċievi.

27. Għall-finijiet tal-paragrafi 21 sa 26:

- (a) “piż” tfisser piż li jitwahnha jew huwa maħsub biex jitwahnha ma' lenza, ma' lixka jew ma' xibka tas-sajd biex tinżamm taħt l-ilma, jew f'ċerta pożizzjoni, iżda mhux piż li jkun magħluq, inkorporat jew minsuġ f'xibka jew fuq lenza tas-sajd;
- (b) “lixka” tfisser oġġett li jintuża biex jattira l-ħut jew annimali oħra, sabiex ikunu jistgħu jinqabdu;
- (c) “wajer tas-sajd” tfisser ħajt irqiq tal-metall li huwa maħsub biex jinqata' f'biċċiet qosra u jintuża bħala piż biex il-lixkiet jinżammu taħt l-ilma;
- (d) “piż li jinqala' mil-lenza” tfisser piż li huwa maħsub biex jiġi rilaxxat deliberatament waqt l-użu;
- (e) “piż imwahnha” tfisser piż magħmul minn biċċa żgħira tal-metall li titwahnha madwar il-lenza biex iżżid il-piż magħha;

	<p>(f) “sajd kummerċjali” tfisser sajd għall-profitt u mhux għal skopijiet rikreattivi;</p> <p>(g) “tagħmir tas-sajd” tfisser tagħmir, inklużi piżijiet, lixkiet u wajers tas-sajd, li jintuża fis-sajd kummerċjali jew rikreattiv.”</p>
--	--

”